## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2022 – Scania CV vs EUIPO (V8)

**(Kawża T-327/21)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem tal-iskop tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2022/C 222/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Scania CV AB (Södertälje, l-Isvezja) (rappreżentanti: C. Langenius, P. Sundin u S. Falkner, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bosse u D. Hanf aġenti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2021 (Każ R 1868/2020-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv V8 bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

2) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Scania CV AB.

[1] ĠU C 297, 26.7.2021.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Marzu 2022 – Bambu Sales vs EUIPO (BAMBU)

**(Kawża T-342/21)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Revoka tad-deċiżjoni kkontestata – Tmiem l-iskop tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2022/C 222/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Bambu Sales, Inc. (Secaucus, New Jersey, l-Istati Uniti) (rappreżentant: T. Stein, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2021 (Każ R 1702/2020-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali BAMBU bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Bambu Sales, Inc.

[1] ĠU C 329 du 16.8.2021.